MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 97/2008

Paul Buttigieg.

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku .

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Paul Buttigieg, li permezz tiegħu wara li ppremetta illi:

1. Illu huwa twieled fin-Nadur, Għawdex, fil-wieħed u tletin (31) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u erbgħa u tletin (1934) u l-att tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Għawdex bin-numru progressiv mitejn u tlieta u sebgħin tas-sena elf disa’ mija u erbgħa u tletin (273/1934) kif jidher mill-kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument “A”;

2. Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attur ġie mniżżel bħala ‘Paolo’ u dan nonostante illi l-ġenituri ta’ l-attur riedu li isem l-attur ikun ‘Paul’;

3. Illi di piu’ l-attur dejjem kien magħruf ossia msejjaħ bl-isem ta’ ‘Paul’ u dan kif jirriżulta minn diversi dokumenti uffiċjali fosthom il-passaport Malti ta’ l-esponenti, li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument “B”, fejn ismu hu mniżżel bħala ‘Paul’.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:-

1. Tawtorizza l-korrezzjoni u r-reġistrazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u tlieta u sebgħin tas-sena elf disa’ mija u erbgħa u tletin (273/1934), skond il-provvedimenti tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, billi fil-kolonna “Ismijiet mogħtija” u kif ukoll fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” l-isem ‘Paolo’ jiġi sostitwit bl-isem ‘**PAUL**’;

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija jiġi rifless f’kull att ta’ l-istat ċivili relattiv tar-rikorrenti, jekk ikun il-każ u dan skond l-Artikolu 253 (3) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-konvenut huwa minn issa mħarrek sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni debitament maħlufa minn l-istess Paul Buttigieg.

Rat id-dokumenti annessi ma’ l-istess rikors, u ċioe’ bħala dokument ‘A’ kopja taċ-ċertifikat tat-twelid numru 273/1934, u bħala dokument ‘B’ kopja tal-Passaport Malti tal-attur.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi ruħu għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat ukoll ir-rikors ta’ l-attur tas-6 ta’ Ottubru, elfejn u tmienja (2008), li permezz tiegħu talab li jiġi awtorizzat jipproċedi għal din il-kawża permezz ta’ l-għajnuna legali.

Rat id-degriet tagħha ta’ l-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Ottubru, elfejn u tmienja (2008) li permezz tiegħu laqgħet din it-talba.

Billi jidhrilha illi t-talbiet huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ l-istess talbiet, u;

1. Tawtorizża l-korrezzjoni u r-reġistrazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u tlieta u sebgħin tas-sena elf disa’ mija u erbgħa u tletin (273/1934), skond il-provvedimenti tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, billi fil-kolonna “Ismijiet mogħtija” u kif ukoll fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” l-isem ‘Paolo’ jiġi sostitwit bl-isem ‘**PAUL**’;

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija jiġi rifless f’kull att ta’ l-istat ċivili relattiv tar-rikorrenti, jekk ikun il-każ u dan skond l-Artikolu 253 (3) tal-Kodiċi Ċivili.

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------